MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 165/1999/1

Lino **DEBONO**

vs

**MALTA DRYDOCKS** u b'Degriet tat-28 ta' Lulju, 2004, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab lil din il-Qorti (i) ssib li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta' Novembru, 1998, fl-Atti tal-Kwestjoni tax-Xogħol bejnu u Malta Drydocks (Deċiżjoni numru 985) kienet

waħda nulla u ma tiswiex; u (ii) li tordna lill-imsemmi Tribunal biex jerġa' jisma' l-każ tiegħu. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Awissu, 1999, li biha Malta Drydocks laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li hi ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi kif imfassla, u għalhekk talbet li tinħeles milli tibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet tal-attur m'humiex mistħoqqa billi ma kienx minnu li t-Tribunal naqas li jħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali jew li ma mexiex skond il-liġi. Żiedet tgħid li t-Tribunal Industrijali għandu s-setgħa esklussiva li jisma' u jaqta' każijiet dwar allegata tkeċċija inġusta mill-impieg u l-Qorti m'hijiex mogħtija s-setgħa li tissostitwixxi l-fehma tagħha għal dik tal-imsemmi Tribunal;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Marzu, 2000, li bih ordnat li jinġabu quddiemha l-atti tal-Każ numru 966 imressaq quddiem it-Tribunal Industrijali bejn l-attur u Malta Drydocks;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Ottubru, 2000[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Ottubru, 2001, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' Mejju, 2001, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti biex iressaq quddiemha l-atti kollha tal-każ numru 966 tat-Tribunal Industrijali;

Rat id-degrieti tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Novembru, 2001 sal-21 ta' Ġunju, 2002, li bih kienet ordnat li l-proċess jerġa' jinbena mill-ġdid minħabba li kien intilef;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fid-19 ta' April, 2002[2], li mehmużin magħha kien hemm l-atti tal-kawża kif

[1] Paġ. 11 tal-proċess
[2] Paġġ. 34 sa 936 tal-proċess

rikostruwiti u wkoll dokumentazzjoni oħra marbuta mal-każ tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2003, li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' Noti ta' Osservazzjonijiet u tathom żmien biex jagħmlu dan;

Rat li l-ebda parti ma ressqet is-sottomissjonijiet miktuba tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-każ numru 966 li kien qed jinstema' mit-Tribunal Industrijali;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjaru ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta' Novembru, 1998[3], li biha sab li ma ma kellux il-kompetenza li jisma' l-każ li l-attur kien ressaq quddiemu biex jistħarreġ jekk kemm-il darba t-tkeċċija tiegħu mill-impieg ma' Malta Drydocks (aktar 'il quddiem imsejħa "MDD") kenitx tkeċċija kontra l-liġi. Huwa jgħid li t-Tribunal Industrijali naqas milli jħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali billi ta deċiżjoni meta l-każ ma kienx imħolli għad-deċiżjoni, billi d-deċiżjoni hija ħażina billi ħaddmet b'mod żbaljat l-liġi nnifisha li taħtha dak it-Tribunal kellu s-setgħa li jisma' l-każ tiegħu u billi t-Tribunal fisser ħażin il-liġi għall-każ;

Illi għal din l-azzjoni MDD laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li ma kienx messha tħarrket hi għaliex hi ma wettqet xejn minn dak li l-attur jilminta minnu. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-Tribunal Industrijali iddeċieda sewwa u fil-

[3] Dok "X", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess

limiti tas-setgħat tiegħu u ma hemm l-ebda raġuni għaliex id-deċiżjoni li ta għandha għalfejn titħassar;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur kien jaħdem bħala *Senior Security Guard* ma' MDD wara li kien daħal jaħdem magħha fl-1966 bħala gwardjan[4]. Huwa għamel xi żmien ta' madwar għaxar snin bi frank fit-tul ("*long leave*") sakemm dam membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti sal-1992, meta mbagħad reġa' daħal fl-impieg ma' MDD. L-attur kien, għal xi żmien, membru elett fil-Kunsill tat-Tarzna wkoll, iżda kien tneħħa qabel għalaq żmien il-ħatra[5] ;

Illi f'Marzu tal-1995[6], MDD għarrfet lill-attur li kienet sejra tniedi proċeduri dixxiplinari kontrih għal xiljiet ta' denigrazzjoni jew malafama lil superjuri/jew ħaddiema oħra, u inċitament għal malafama jew assalt. Dak iż-żmien, l-attur kien qiegħed jiskonta żmien ta' sospensjoni mix-xogħol għal episodju ieħor li kellu xi żmien qabel (u li huwa kien qiegħed jikkontesta fil-Qrati)[7] u kien ukoll tniżżel mill-kariga li kien jinsab fiha dak iż-żmien[8]. L-attur kiteb lill-Union biex jilminta magħha dwar il-mod kif imxiet miegħu MDD. Il-każ dixxiplinari kontra l-attur beda jinstema' f'Mejju tal-1995 minn Bord imwaqqaf *ad hoc* u magħmul minn tliet persuni, fosthom il-*Personnel Manager*. L-attur u l-Union tiegħu ressqu lmenti kemm dwar il-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina u kif ukoll dwar it-tempestivita' tal-proċedura dixxiplinari meħuda kontrih[9];

Illi l-bord tad-dixxiplina ta d-deċiżjoni tiegħu fl-10 ta' Lulju, 1995[10], u filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-attur, sabu ħati tax-xiljiet kif imressqin kontrih u qatagħha li jtemm l-impieg tal-attur minn ma' MDD b'seħħ mis-6 ta' Ġunju, 1995. Id-deċiżjoni kienet unanimi[11]. Minn dik id-deċiżjoni, l-attur ressaq appell tmint ijiem wara[12];

---

[4] Xhieda ta' Louis Spiteri 27.5.1996 (Tribunal) f'paġ. 138 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Sammy Meilaq f'paġ. 764 tal-proċess
[6] Dok "G", f'paġ. 48 tal-proċess
[7] Paġ. 80 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Louis Spiteri 27.5.1996 (Tribunal) f'paġ. 140 tal-proċess
[9] Paġġ. 52 – 6 tal-proċess
[10] Paġġ. 57 – 8 tal-proċess
[11] Xhieda ta' John Debono u William Buġeja f'paġġ. 711 – 2 tal-proċess
[12] Paġġ. 59 – 60 tal-proċess

Illi b'ittra tat-18 ta' Awissu, 1995[13], taħt il-firma tal-*Personnel Manager* li kien ukoll il-president tal-bord tad-dixxiplina li kien ta d-deċiżjoni tas-sejbien tal-ħtija tal-attur, ir-rappreżentant tal-Union li kien qiegħed jidher għall-attur kien mgħarraf li l-Bord tal-Ewwel Appell kien qatagħha li "ma jkomplix jisma' l-każ peress li inti ma kkontestajtx fil-laqgħat magħhom id-deċiżjoni mogħtija mill-*Ad Hoc Board*". L-attur u r-rappreżentant tiegħu fil-Union kienu qatgħuha li kien ikun għalxejn li jappellaw lil Bord tat-Tieni Appell[14];

Illi fid-19 ta' Awissu, 1995[15], il-Union ressqet talba mal-Ministru kompetenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali[16], biex jirreferi l-każ lit-Tribunal Industrijali (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") biex isib li t-tkeċċija tal-attur mill-impieg kienet waħda inġusta u ma hix skond il-liġi u biex jitolbu jagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni skond il-każ. Il-Ministru kompetenti kiteb lit-Tribunal fil-31 ta' Awissu, 1995 għall-finijiet tal-artikolu 28(2) tal-imsemmi Att[17];

Illi fil-15 ta' Settembru, 1995, MDD bagħtet tgħarraf lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali bit-temm tal-impieg tal-attur minħabba tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari;

Illi b'avviż maħruġ fis-27 ta' Frar, 1996[18], it-Tribunal għarraf lill-attur dwar l-ewwel smigħ tal-każ tiegħu, u talbu jibgħat id-dikjarazzjoni tal-każ min-naħa tiegħu, dokumentazzjoni rilevanti, l-ismijiet tax-xhieda li kien fi ħsiebu jtella' u tagħrif ieħor. Il-Union li qabbad l-attur (u li tagħha kien imsieħeb) bagħtet id-dikjarazzjoni tal-każ lit-Tribunal[19], filwaqt li MDD ressqet id-dikjarazzjoni tagħha. It-Tribunal żamm sitta u għoxrin (26) seduta li fihom sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat. Lejn l-aħħar tas-smigħ iċ-*chairperson* tat-Tribunal inbidel;

[13] Paġ. 61 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Alfons Meli f'paġġ. 450, 457 tal-proċess
[15] Paġ. 62 tal-proċess
[16] Kap 266 tal-Liġijiet ta' Malta
[17] Dok "I", f'paġ. 69 tal-proċess
[18] Paġ. 71 tal-proċess
[19] Paġġ. 857 sa 861 tal-proċess

Illi fl-10 ta' Novembru, 1998, it-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu billi qal li l-każ, kif joħroġ mid-dikjarazzjoni tal-każ (*terms of remit*) infushom tal-attur, ma kienx jaqa' taħt idejh;

Illi fit-30 ta' Diċembru, 1998[20], l-attur bagħat ittra uffiċjali lil MDD li fiha talabha tersaq għat-tħassir tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal u biex terġa' ddaħħlu fl-impieg magħha. F'Jannar tal-1999, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> li għandha quddiemha din il-Qorti huma ta' żewġ xorta. Hemm dawk magħmula meħtieġa minħabba l-eċċezzjoni ta' xejra preliminari mqanqla minn MDD. Imbagħad hemm dawk marbutin mal-mertu tal-azzjoni attriċi. Jeħtieġ li, qabel kull ħaġ'oħra, l-Qorti tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari. MDD qajmet l-eċċezzjoni li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-attur;

Illi, dwar l-**eċċezzjoni preliminari li MDD m'hijiex il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni tal-attur**, jingħad li MDD issejjisha fuq l-argument li ladarba l-kawża li fetaħ l-attur hija mmirata lejn id-deċiżjoni li ħa t-Tribunal fl-10 ta' Novembru, 1998, allura hija ma messhiex tħarrket f'din il-kawża għaliex dak li jilmenta minnu l-attur ma kienx għamil tagħha, imma tal-imsemmi Tribunal;

Illi l-għaref difensur ta' MDD issottometta li f'din il-kawża l-attur jibni l-każ tiegħu fuq il-fatt li kien it-Tribunal li ma ħarisx il-prinċipji tal-ħaqq naturali u li għadda biex ta deċiżjoni li qalet li ma kellux is-setgħa li jisma' l-każ: imkien ma ressaq allegazzjonjiet fil-konfront ta' MDD. Għalhekk, jekk MDD ma wettqet xejn minn dak allegat mill-attur f'din il-kawża, kif jista' jingħad li hija l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni attriċi. Fuq kollox, jekk wieħed iqis it-tieni talba, ladarba ċ-*Chairperson* tt-Tribunal m'huwiex imħarrek f'din il-kawża, kontra min ser jingħata l-ordni mitlub fit-tieni talba attriċi?;

[20] Dok "B", f'paġ. 40 tal-proċess

Illi għal dan l-argument, l-għaref difensur tal-attur iwieġeb billi jgħid li l-azzjoni tabilfors kellha ssir kontra MDD u li jekk sar nuqqas mit-Tribunal, ma kienx azzjonabbli l-istess President tat-Tribunal, iżda l-parti li kontra tagħha huwa mexxa l-każ tiegħu. Żied jgħid li l-ġudikant li ppresjieda t-Tribunal m'għandu l-ebda interess tutelabbli, u li l-massima hi li *error judicis error partis*;

Illi l-Qorti ma tqisx li l-eċċezzjoni hija tajba. Il-Qorti tagħraf li kien hemm fehma f'xi sentenzi li ċ-*chairperson* tat-Tribunal jista' jkun imħarrek personalment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u wkoll dik ordinarja[21]. Iżda jidher li fejn tkun id-deċiżjoni nnifisha tat-Tribunal li tkun attakkata u mhux l-imġiba tal-president tiegħu waqt is-smigħ, l-azzjoni ma tistax issir kontra min ikun ippresjieda t-Tribunal, imma kontra l-parti l-oħra li kienet fil-każ[22]. B'mod partikolari ngħad li sakemm ma jirriżultax mill-provi li ċ-*chairman* ikun bl-imġiba tiegħu fiha nnifisha u lil hinn mid-deċiżjoni tiegħu ġab ħsara lill-parti, ma jistax jitqies li huwa l-kontradittur leġittimu ta' dik il-parti mġarrba[23]. Minħabba f'dan, il-fatt li tkun tħarrket il-parti l-oħra waħedha xorta waħda ma jnaqqas xejn mill-integrita' tal-ġudizzju;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' MDD;

Illi l-Qorti tista' issa tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni fil-mertu. Safejn **l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju** m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta' korp ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta' xi liġi. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn

[21] P.A. **26.5.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Montalto vs Clews et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.689**)

[22] Ara App. Ċiv. **29.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Pisani noe et vs Joseph Borġ Bartolo*** (mhix pubblikata) u P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe vs Debono et*** (mhix pubblikata, konfermata fl-Appell fit-**13.2.1997** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**)

[23] Ara. P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ Cardona vs Joseph Busuttil noe et*** (mhix pubblikata) u P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Power Projects Limited vs Stephen Aġius et***

jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[24]. Dan jgħodd iżjed u iżjed fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jirreferi għat-Tribunal Industrijali, ladarba wkoll illum il-ġurnata l-liġi tagħti jedd ta' appell f'ċirkostanzi partikolari dwar deċiżjonijiet maħruġa minnu[25];

Illi b'mod partikolari, tali eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li iddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta' apprezzament ta' oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux fehem xi kunċett legali b'mod minflok mod ieħor[26]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-segħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għamil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452[27] jgħid b'mod ċar u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal ikollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan (għajr minn proċeduri dwar reat), u li r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jkun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lil dak it-Tribunal u mhux xort'oħra;

Illi ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa

---

[24] App. Ċiv. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borġ D'Anastasi***
[25] App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta plc***
[26] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[27] Li jsegwi b'xi żidiet l-artikolu 28 tal-Kap 266

"ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali[28];

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija minn impieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-liġi, "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġni dwar jekk it-tkeċċija kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta u suffiċjenti fil-mertu;

Illi, f'dan ir-rigward, ġie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn deċiżjonijiet tat-Tribunal innifsu li huwa għandu s-setgħa, taħt l-artikolu 75 (l-artikolu 28 tal-Kap 266), li jifli tkeċċija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikawha, din tkun saret b'mod mhux mistħoqq jew inġust[29]. Fi kliem ieħor, din il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi għal dak li huwa magħruf bħala *technically unfair dismissal*. Tali bixra ta' fehmiet baqgħet titqies ukoll matul iż-żminijiet[30]. B'dan għalhekk li, ladarba jiġi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-ġurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx iżjed setgħa jidħlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgħa ta' reviżjoni dwar l-operat tat-Tribunal[31], fit-termini u l-limiti imfissrin iżjed 'il fuq;

Illi, kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawżi fejn, biex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom dwar il-każ, kien meħtieġ li tiġi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validita' tat-temm tal-impieg[32]. Waqfu saħansitra milli jqisu talbiet fejn ir-raġunijiet wara deċiżjoni ta' temm ta' impieg setgħet

[28] P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)
[29] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-**10.3.1981,** fil-każ fl-ismijiet ***Diacono vs M.C.M. Aluminium Limited***
[30] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal tal-**24.11.1998**, fil-każ fl-ismijiet ***Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika***
[31] P.A.GCD **20.3..2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***
[32] Kumm. **25.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Paċe vs Bondin noe et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.838**)

kienet kontra l-proċeduri interni stabiliti tal-post tax-xogħol[33];

Illi jekk kien għad fadal xi dubju dwar safejn il-Qrati ordinarji setgħu jgħarblu r-raġunijiet ta' tkeċċija mill-impieg biex jagħtu xi rimedju anċillari lil parti attriċi dwar l-istess impieg[34], jidher li dan issa tneħħa għal kollox bil-bidliet li seħħew fil-Liġi Industrijali, u b'mod partikolari fit-twessigħ tal-azzjonijiet li dwarhom it-Tribunal Industrijali għandu kompetenza esklussiva. Dan għaliex issa żdiedu wkoll dawk l-azzjonijiet kollha li jaqgħu taħt l-ewwel taqsima tal-liġi, jiġifieri dawk id-dispożizzjonijiet li, sa ftit taż-żmien ilu, kienu miġbura taħt l-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impieg (kif kien magħruf iċ-Ċ.E.R.A.)[35];

Illi, kif ingħad qabel, l-attur jibni l-azzjoni tiegħu fuq żewġ xiljiet kontra d-deċiżjoni tat-Tribunal: (i) li ma tħarsux il-prinċipji bażiċi tal-ħaqq naturali u (ii) li tħaddmet ħażin id-diskrezzjoni tiegħu billi qies li l-każ li l-attur kien ressaq quddiemu ma kienx jaqa' fil-ġurisdizzjoni tiegħu;

Illi dwar l-ewwel kawżali l-attur jisħaq li meta t-Tribunal kien tah il-fakulta' li jressaq Nota (ta' sottomissjonijiet) u ħalla l-każ għal data oħra, t-Tribunal ma kienx qal li l-każ kien qiegħed jitħalla għad-deċiżjoni. Għalhekk, meta fl-ewwel smigħ ta' wara li sar dak il-verbal[36], it-Tribunal għadda biex ta d-deċiżjoni tiegħu li temmet il-każ, b'dak il-mod it-Tribunal kien naqas milli jimxi kif imiss. Jekk wieħed jillimita ruħu għall-qari tal-imsemmi verbal, wieħed jista' tassew jaqbel mal-attur li għandu raġun. Imma meta din il-Qorti fliet sewwa l-atti li l-attur innifsu ressaq quddiemha meħuda mill-każ quddiem it-Tribunal, bdiet tara li x'aktarx kien hemm verita' oħra wara dak l-andament. Fl-ewwel lok, kien ikun aktar xieraq kieku l-attur ressaq kopja wkoll tal-verbal tas-smigħ (miżmum quddiem it-Tribunal) tat-12 ta' Mejju, 1998 – seduta numru ħamsa u għoxrin (25). Minn dak il-verbal kellu jirriżulta li

---

[33] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Carmelo Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta***
[34] App. Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Nappa vs Cutrans Limited*** (mhix pubblikata)
[35] Art. 75(1)(b) tal-Kap 452
[36] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess

kien sar verbal – b'*chairman* ġdid – li fih kienet tqajmet il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni u l-qbil tal-istqarrija tal-każ tal-attur ma' s-setgħat tat-Tribunal li jisma' l-każ. Fit-tieni lok, jidher ukoll mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru, 1998 – seduta numru sitta u għoxrin (26) – li t-Tribunal kien diġa' ordna lill-attur iressaq in-Nota (ta' sottomissjonijiet) tiegħu sa qabel dak inhar. It-tressiq ta' noti bħal dawk, normalment, jimplika li każ ikun matur biex tingħata deċiżjoni. Fit-tielet lok, kien sa minn ċertu żmien qabel u taħt il-presidenza tal-ewwel *chairperson* li kienu tqajmu d-dubji dwar il-kompetenza tat-Tribunal li jisma' l-każ[37], u għalhekk l-attur ma jistax jilminta mill-fatt li dik l-ordni tat-Tribunal kienet ħarġet bħal sajjetta fil-bnazzi jew kontra l-bixra ta' dak li kien qiegħed isir f'dak iż-żmien quddiem l-istess Tribunal;

Illi l-Qorti tifhem li huwa dmir ta' kull tribunal kawżi ġudizzjarju li jħares u effettivament japplika l-prinċipji aċċettati ta' ħaqq naturali. Tifhem ukoll li n-nuqqas ta' dak il-ħarsien iwassal għall-irritwalita' tal-proċeduri mwettqa u tal-provvedimenti mogħtija[38]. Iżda ma jidhrilhiex li l-fatt waħdu li deċiżjoni ta' xi tribunal li ma tkunx laqgħet sottomissjoni jew linja ta' difiża magħmula minn parti fi proċedura quddiemu jitfisser awtomatikament bħala ċ-ċaħda jew nuqqas ta' ħarsien ta' dak il-prinċipju;

Illi l-attur ma ta l-ebda raġuni oħra għaliex il-Qorti għandha tqis dan l-ilment tiegħu u, minħabba dak li għadu kemm ġie rilevat, ma ssibx li l-attur għandu raġun taħt din l-ewwel kawżali;

Illi <u>dwar it-tieni kawżali</u> l-attur iqis li t-Tribunal mexa għal kollox ħażin meta qatagħha li ma kellux il-ġurisdizzjoni li jisma' l-każ. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-attur għandu raġun. Fl-ewwel lok, kif sewwa irrileva l-għaref difensur tal-attur, biex Tribunal iqis jekk għandux is-setgħa li jisma' każ imressaq quddiemu, irid iqis l-att promotur u dak li jintalab fih. Ma hemm l-ebda dubju li meta l-attur (jew aħjar ir-rappreżentant tal-Union li kien qed jidher għalih) ressaq it-talba lill-Ministru kompetenti taħt l-artikolu 28

[37] Ara, per eżempju, paġ. 512 tal-proċess
[38] App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd.***

(tal-Kap 266) din kienet saret speċifikatament fuq il-premessa u b'talba biex it-Tribunal isib li huwa kien tkeċċa inġustament mill-impieg tiegħu mat-Tarzna. Hekk ukoll fehem il-Ministru konċernat meta, tnax-il jum wara, irrefera t-talba lit-Tribunal. Huwa ċar li l-artikolu 28(2) tal-Att XXX tal-1976[39] kien jirreferi għal-proċedura f'każ fejn persuna tallega li tkun tkeċċiet mill-impieg kontra l-liġi. Fit-tieni lok, meta wieħed jara t-talbiet li ressaq l-attur fl-istqarrija tal-każ tiegħu, dan jitlob li t-Tribunal jiddikjara li "t-tkeċċija tiegħu mill-impieg kienet inġusta u illegali u għaldaqstant huwa għandu jingħata lura l-impieg immedjatament"[40]. Dan ma jmissu ħalla l-ebda dubju dwar x'kien ir-rimedju mfittex mill-attur u r-raġuni għaliex huwa kien ressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal;

Illi, fit-tielet lok, il-każ kien ilu x-xhur jinstema' quddiem it-Tribunal u x-xhieda li kienet qiegħda titressaq kienet maħsuba biex tipprova l-każ tal-partijiet dwar jekk it-tkeċċija mill-impieg tal-attur kenitx għal raġuni tajba fil-liġi. Li kieku l-kwestjoni tal-kompetenza tat-Tribunal kienet tassew f'dubju, ma kien jagħmel l-ebda sens li t-Tribunal ma jqishiex qabel jibda jisma' l-provi fil-mertu. Jekk inhu minnu – kif jidher li t-Tribunal fehem fid-deċiżjoni tiegħu issa impunjata – li kien hemm "diskrepanza fit-*terms of remit* u ssolleva l-punt li t-tilwima kienet nuqqas ta' ftehim dwar l-interpretazzjoni tal-Kodiċi tad-Dixxiplina", din kienet kwestjoni li t-Tribunal imissu stħarreġ fil-bidu tas-smigħ tal-każ u mhux wara li l-provi kollha kienu tressqu miż-żewġ partijiet. Fir-raba' lok, it-Tribunal kellu provi mressqa quddiemu li juru li kellu jwettaq s-setgħat esklussivi tiegħu li jistħarreġ l-ilment tal-attur imqar fuq **il-mod ta' kif seħħet it-tkeċċija** (minkejja s-siwi tar-raġuni) tal-attur mill-impieg tiegħu minn ma' MDD. Fost dawn l-elementi probatorji, l-Qorti rat (a) dawk dwar kif tmexxew il-proċeduri dixxiplinari[41], (b) il-provi li l-Bord qagħad fuqhom biex wasal għas-sejbien tal-ħtija tal-attur fl-akkużi mressqa kontrih[42], u (ċ) t-tempestivita' tal-proċeduri dixxiplinari meħuda kontrih[43]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-

[39] Illum inkorporat, b'xi żidiet fih, fl-artikolu 75(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta
[40] Paġ. 859 tal-proċess
[41] Ara paġġ. 160 – 1, 182, 358 – 9, 445 u 456 tal-proċess
[42] Ara paġġ. 226 – 230, 262 – 3, 728 u 731 – 2 tal-proċess
[43] Ara paġġ. 461 – 2, 472 – 4, 743 u 747 tal-proċess

elementi kollha kienu biżżejjed biex jirradikaw il-kompetenza tat-Tribunal li jisma' l-każ, imqar fuq dak magruf bħala tkeċċija mill-impieg minħabba l-mod kif saret ("*technically unfair dismissal*")[44];

Illi, fil-ħames lok, id-deċiżjoni tat-Tribunal fil-każ tal-lum kienet waħda fejn dan qatagħha li ma kenitx taqa' fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Issa huwa magħruf li waħda mir-raġunijiet magħrufa li tagħti lil Qorti s-setgħa li tistħarreġ tribunal amministrativ jew kważi-ġudizzjarju hija meta dak it-tribunal jonqos li jwettaq is-setgħat mogħtija lilu mil-liġi. F'każ bħal dan nuqqas bħal dak huwa sindakabbli daqs meta jkun hemm xilja li t-tribunal li jkun qabeż is-setgħat li tagħtih il-liġi ("*ultra vires*"). "*A tribunal is deemed to have declined jurisdiction if it fails to decide the question before it and instead decides a different question; or if it decides under the dictation of another body; or if it decides by reference to a pre-determined rule of policy without giving any genuine consideration to the individual merits of the case before it; or if it improperly delegates its powers of decision to another person or body; or if it rejects relevant evidence on the erroneous ground that it has no jurisdiction to inquire into the matter which the evidence was designed to prove; or if, misconceiving the scope of its own powers, it disclaims competence to take other relevant factors into account. .... A tribunal does not decline jurisdiction by making an erroneous decision on the merits of a case; but it does decline jurisdiction if it refuses to enter into the merits because it holds that it has no power to do so*"[45]. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ li għandha quddiemha, r-raġuni mogħtija mit-Tribunal meta qies li ma kellux il-ġurisdizzjoni li jisma' u jqis il-każ tal-attur kienet waħda ħażina, mhux għaliex qieset ħażin il-mertu, iżda għaliex ma qiesx il-mertu meta (l-aktar fid-dawl tal-ħemel provi li kellu quddiemu) kellu elementi biżżejjed li juruh li huwa biss seta' jqis dak li tressaq quddiemu u l-ebda tribunal ieħor;

[44] Ċirkostanzi li f'każ ieħor bejn l-istess partijiet kien wassal għat-tħassir tal-proċeduri dixxiplinari meħudin kontra l-attur (ara App. Ċiv. **3.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Sammy Meilaq noe et***)
[45] J.M. Evans *DeSmith's Judicial Review of Administrative Action* (4th Edit), paġġ. 123 – 4

Illi għal din ir-raġuni, l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attur u, b'konsegwenza ta' hekk, u fid-dawl ta' dak li sejjer issa jingħad, ukoll it-tieni talba li hija konsegwenzjali għal-ewwel waħda;

Illi qabel ma l-Qorti tagħlaq il-konsiderazzjonijiet tagħha, jidhrilha xieraq li tirrileva li, għal dak li jista' jirrigwarda l-interess ġuridiku tal-attur li jibqa' jmexxi 'l quddiem din l-azzjoni tiegħu, fiż-żmien li l-kawża kienet qiegħda tinstema' u qabel ma tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, l-istess attur għalaq iż-żmien tal-irtirar mix-xogħol. Minkejja dan il-fatt u minkejja li ħadd ma qanqal din il-kwestjoni, il-Qorti ħasset li kellha ssemmih għaliex kwestjonijiet ta' interess ġuridiku f'kawża huma ta' ordni pubbliku u jistgħu jitqajmu mill-Qorti *ex ufficio*. F'dan ir-rigward, l-effett prattiku tat-tħassir tad-deċiżjoni tat-Tribunal m'huwiex se' jwassal lill-attur li jerġa' jingħata l-impieg tiegħu. Minbarra dan, MDD illum il-ġurnata m'għadhiex kostitwita. Iżda, minħabba li l-interess ġuridiku f'kawża jista' jkun iħaddan l-elementi kollha mitluba mil-liġi wkoll jekk ikun pre-ordinat għal rimedju ieħor ġudizzjarju li l-parti tista' tikseb f'ġudizzju sussegwenti, kien minħabba f'hekk li l-Qorti qieset il-mertu tal-każ imressaq quddiemha, fejn, f'każ ta' sejbien favorevoli għall-attur, kif tabilħaqq sejjer isir, jista' jkollu l-jedd li jfittex għad-danni jew għar-radd lilu tal-benefiċċji li kien ikun intitolat għalihom ukoll wara l-irtirar mix-xogħol;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi din il-Qorti ssib li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq imsemmija (Deċiżjoni 985) tal-10 ta' Novembru, 1998, ma tiswiex għaliex tirrofta bla raġuni tajba l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni li l-liġi tagħti lill-istess Tribunal u b'hekk tħassar l-istess deċiżjoni;

**Tilqa' t-tieni talba** safejn din illum hija fattibbli; u

**Tordna** li l-imħarrkin i**ħallsu l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------